



IL-PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2011/0144(COD)

15.9.2011

EMENDI 6 - 19

**Abbozz ta' opinjoni
Daciana Octavia Sârbu
(PE469.863v01-00)**

Proposta għar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jistabbilixxi pjan multiawali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Proposta għal Regolament
(COM(2011)0330 – C7-0154/2011 – 2011/0144(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 6

Gerben-Jan Gerbrandy

Proposta għal regolament - att li jemenda

—

Proposta ta' ċaħda

***Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Sahħha
Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden
lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat
responsabbi, biex jipproponi li l-proposta
tal-Kummissjoni tiġi miċħuda.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istokkijiet tat-tonn tal-Atlantiku naqsu drastikament u jeħtieġ li tittieħed azzjoni urġenti biex jiġu protetti. Ir-rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT għandha l-għan li żżid il-miżuri biex jiġi protett it-tonn, inkluż tnaqqis tal-Qabda Totali Permessa (TAC) u tishħiħ tal-miżuri ta' kontroll. Madankollu l-ICCAT injorat il-parir xjentifiku tagħha stess u ffissat TAC għoli wisq. Il-PE għandu jibgħat messaġġ politiku billi jiċħad din il-proposta peress li t-tonn wasal biex jiġi estint.

Emenda 7

Elisabetta Gardini

Proposta għal regolament – att li jemenda

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat Rakkomandazzjoni 10-04 li temenda l-pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn. Sabiex jinbena l-istokk mill-ġdid, ir-rakkomandazzjoni tipprevedi ***tnaqqis ulterjuri fil-qabdiet*** totali permissibbli, ***tishħiħ tal-miżuri li jnaqqsu l-kapaċità tas-sajd kif ukoll rinfurzar tal-miżuri ta' kontroll, b'mod partikolari, fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' trasferiment u tqegħid fil-gaġeġ***.

Emenda

(1) Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat Rakkomandazzjoni 10-04 li temenda l-pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn. Sabiex jinbena l-istokk ***ikkonċernat*** mill-ġdid, ir-rakkomandazzjoni tipprevedi ***it-tnaqqis progressiv tal-qabdiet*** totali permissibbli ***tat-tonn, u miżuri ġoddha għall-ħarsien u l-immaniġġjar tal-istokk.***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Għalkemm li d-diversi miżuri proposti għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet tat-tonn huma ta' importanza kbira għall-ħarsien tal-ambjenti tal-ħaġar, madankollu jinhieg li titwettaq valutazzjoni xjentifika tal-effettivitā reali tagħhom f'oqsma differenti, l-aktar fil-każ ta' speċi li tpassi ħafna, bħalma hu t-tonn.

Emenda 8

Kartika Tamara Liotard
fisem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Għalkemm ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 għandu bħala għan il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd, is-sitwazzjoni li tikkonċerna s-sostenibilità tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran hija preokkupanti minħabba r-rata għolja ta' mortalità tal-ħut u l-livell baxx ta' bijomassa tal-istokk li jkun qed ibid.

Or. en

Emenda 9

Kartika Tamara Liotard
fisem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) L-approċċ ‘prekawzjonarju’ għall-immaniġġjar tal-ħut, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002, flimkien mal-prinċipju prekawzjonarju

stipulat fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jitqies meta jkun qed jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

Or. en

Emenda 10
Sandrine Bélier, Bas Eickhout

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 3 a (ġidida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tat-tonn għandhom ikunu konsistenti wkoll mal-impenji meħuda fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika u fil-Pjan Strateġiku tagħha għall-Bijodiversità, inklużi l-objettivi tal-Bijodiversità ‘Aichi’, u b’konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità li tistipula li l-Oħla Rendimenti Sostenibbli għandhom jinkisbu sal-2015.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-UE impenjat ruħha għall-objettiv li sal-2015 tilħaq il-livelli MSY (l-ogħla qabdiet sostenibbli) fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002. L-objettiv dwar is-sajd adottat fil-Konferenza dwar id-Diversità Bijoloġika COP 10 jgħid, fost l-oħrajn, li ‘sal-2020 l-istokkijiet kollha tal-ħut u tal-invertebrati u tal-pjanti tal-ilma jkunu mmaniġġjati u sfruttati b'mod sostenibbli, legali u billi jiġu applikati approċċi bbażati fuq l-ekosistemi, sabiex jiġi evitat li jkun hemm sajd żejjed, jitwaqqfu pjanijiet ta’ rkupru u miżuri għall-ispecċijiet kollha li naqsu, li s-sajd ma jkollu l-ebda impatti negattivi sinifkanti fuq l-ispecċijiet fil-periklu u fuq ekosistemi vulnerabbi, u li l-impatti tas-sajd fuq l-istokkijiet, l-ispecċijiet u l-ekosistemi jkunu fil-limiti ekoloġiċi sikuri.’

Emenda 11
Kriton Arsenis

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 3 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tat-tonn għandha, fejn ikun possibbli, tkun konsistenti mal-objettiv li jkun żgurat li r-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar ikunu sfruttati b'mod li jkun hemm ritorn għal daqs b'saħħtu tal-popolazzjonijiet ta' speċijiet mistada jew imkabbra, u li dawn jinżammu 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-ogħla rendiment sostenibbli sal-2015, kif kien ġie stabbilit fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar u kif kien ġie adottat fis-Samit Dinji tal-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli;

Or. en

Emenda 12
Daciana Octavia Sârbu

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 3 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Pjanijiet multiannwali ta' rkupru mfassla skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, bħall-pjan ta' rkupru għat-tonn, iridu japplikaw il-prinċipju prekawzjonarju għall-ġestjoni tal-ħut kif stipulat fih u jkunu konformi mal-Ftehim tan-NU dwar l-Istokkijiet tal-Ħut, li minnu toriġina l-htiegħa li l-Unjoni tagħti aktar attenzjoni meta l-informazzjoni ma tkunx fiċ-ċert, ma tkunx affidabbli jew ma tkunx adegwata, u li jagħmel essenzjali li n-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata ma

*jintużax bħala raġuni biex jiġu posposti,
jew jonqsu milli jittieħdu, miżuri għall-
ħarsien tat-tonn u tal-ambjent tiegħu.*

Or. en

Emenda 13
Sandrine Bélier, Bas Eickhout

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-għan ta' dak il-pjan ta' rkupru għandu jkun li tinkiseb bijomassa li tikkorrispondi mar-rendiment massimu sostenibbli b'aktar minn **60 %** probabbiltà.

Emenda

L-għan ta' dak il-pjan ta' rkupru għandu jkun li tinkiseb bijomassa li tikkorrispondi mar-rendiment massimu sostenibbli b'aktar minn **75 %** probabbiltà **sal-2015**.

Or. en

Emenda 14
Elisabetta Gardini

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-għan ta' dak il-pjan ta' rkupru għandu jkun li tinkiseb bijomassa li tikkorrispondi mar-rendiment massimu sostenibbli b'aktar minn 60 % probabbiltà.

Emenda

L-għan ta' dak il-pjan ta' rkupru għandu jkun li **sal-2020** tinkiseb bijomassa li tikkorrispondi mar-rendiment massimu sostenibbli b'aktar minn 60 % probabbiltà.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Iku n-xieraq li jkun hemm konformità shiħha mat-test tar-Rakkmandazzjoni ICCAT 10-04, u li b'konsegwenza tiġi mmodifikata l-iskadenza rakkomandata biex jiġi żgurat li jkun hemm

konsistenza akbar bejn id-diversi politiki u miżuri Ewropej.

Emenda 15

Sandrine Bélier, Bas Eickhout

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5 – punt a

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-sajd għat-tonn bil-purse seine għandu jkun ipprojbit fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran **matul il-perjodu bejn il-15 ta' ġunju u l-15 ta' Mejju.**

Emenda

2. Is-sajd għat-tonn bil-purse seine għandu jkun ipprojbit fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

Or. en

Ġustifkazzjoni

Ħamsa minn kull tmien speċijiet tat-tonn huma fir-riskju li jiġu estinti minħabba s-sajd żejġed. L-aħħar evalwazzjoni li saret għall-Unjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tan-Natura (IUCN) ikkonkludiet li l-uniku mod biex jiġi salvat it-tonn tal-pinna blu tan-nofsinhar u tal-Atlantiku kien li jitwaqqaf is-sajd sakemm l-istokkijiet jerġgħu jirkupraw. (Jekk jiġu adottati, l-Artikoli 30 u 31 għandhom jiġu adatti biex ikunu koerenti)

Emenda 16

Kartika Tamara Liotard
fisem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5a (ġdid)

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) L-Artikolu li ġej għandu jiddahħhal:

‘Artikolu 7a

Żoni fejn ibid il-ħut

**Il-Kummissjoni, abbażi tar-riċerka
xjentifika disponibbli pprovduta mill-Kunitat
Permanent dwar ir-Riċerka u l-**

Istatistika fir-rigward tas-sitt żoni ewlenin ta' fejn ibid il-ħut fil-Mediterran, għandha tidentifika iż-żoni fejn ibid il-ħut fl-Unjoni u għandha toħloq santwarji skont il-prinċipju prekawzjonarju.'

Or. en

Emenda 17
Rolandas Pakas

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 9

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-istima tal-kwantitajiet ta' tonn li għandhom jiġu trasferiti,

Emenda

(c) l-istima tal-kwantitajiet ta' tonn li għandhom jiġu trasferiti **skont id-daqs;**

Or. lt

Emenda 18
Sandrine Bélier, Bas Eickhout

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 16a (ġdid)

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 33

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) L-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 33

Infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' infurzar fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, fejn ikun ġie stabbilit, skont il-liġi tagħhom li l-bastiment mhux konformi mal-Artikoli 4, 7, 8, 9, 17, 18,

19, 20, 21 u 23 ta' dan ir-Regolament. Il-miżuri *għandhom* jinkludu, skont is-serjetà tar-reat u skont il-liġi nazzjonali tagħhom:

- (a) multi *li jirriflettu l-valur tal-qabdiet u l-status ta' konservazzjoni tal-ispeċi;*
- (b) l-ikkonfiskar ta' rkaptu u qabdiet illegali;
- (c) is-sekwestru tal-bastiment;
- (d) is-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għas-sajd;
- (e) tnaqqis jew irtirar tal-kwota tas-sajd, jekk applikabbli.

Il-multi għandhom jirrapreżentaw tal-anqas ħames darbiet il-valur tal-qabdiet miksuba permezz tar-reat. F'każ ta' repetizzjoni ta' reat serju fi żmien perjodu ta' ħames snin, il-penali finanzjarji għandhom jiżdiedu għal ammont li jkun tal-anqas il-valur tal-qabdiet miksuba permezz tar-reat għal tmien darbiet.

2. Kull Stat Membru li taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu jinsab *farm tat-tonn għandu jieħu l-miżuri ta' infurzar firrigward ta' dak il-farm, fejn ikun ġie stabilit, skont il-liġi tiegħu li dak il-farm ma jikkonformax mal-Artikoli 24 u 31(2) ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 4a, 4b u 4c tar-Regolament (KE) Nru 1936/2001.* Il-miżuri *għandhom* jinkludu, skont is-serjetà tar-reat u skont il-liġi nazzjonali tagħhom:

- (a) multi *li jirriflettu l-valur tal-ħut u l-status ta' konservazzjoni tal-ispeċi;*
- (b) *is-sospensjoni jew l-irtirar mir-registratu tal-farms tat-tismin;*
- (c) *il-probizzjoni mit-tqegħid fil-gaġeġ jew it-tqegħid fis-suq ta' kwantitatiet ta' tonn.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda tal-Artikolu 33 sabiex ‘jistgħu’ tinbidel f’‘għandhom’ fit-tieni sentenza tal-paragrafi 1 u 2; biex tiddahħħal referenza għall-valur u għall-istatus ta’ konservazzjoni tal-ispeċijiet fir-rigward tal-multi u biex jiddahħħal livell minimu għall-multi (bħall-penalitajiet finanzjarji adottati mill-PE fl-ewwel qari dwar ir-Regolament dwar l-Injam).

Emenda 19 **Sandrine Bélier, Bas Eickhout**

Proposta għal regolament - att li jemenda

Artikolu 1 – punt 18a (ġidid)

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009

Artikolu 34 – paragrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Fl-Artikolu 34 jiddahħħal il-paragrafu li ġej:

‘3a. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-kummer ċe fit-tonn li jkun bi ksurt tad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implementati. Il-penalitajiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi u għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, is-sospensjoni immedjata tal-awtorizzazzjoni għall-kummer ċe.’

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-kummerċjanti jkunu suġġetti wkoll għal azzjoni ta’ infurzar.